MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1456/1999/1

***Carmel u Josephine konjugi Deguara***
***Vs***
***Joseph Falzon u Tarcisio Falzon u n-nisa rispettivi taghhom Sue sive Suzanne Falzon u Mary Falzon***

**Illum 28 ta' Jannar 2003**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li **ppremettew**: illi huma kredituri tal-konvenuti fis-sommna ta' elf tlett mija tlieta u tletin lira maltin (LM1,333) rapprezentati xoghol ta' elettriku, plumbing, drenagg u xoghol iehor konness kif ukoll prezz ta' materjal li ntuza mill-attur Carmel Deguara f' xogholijiet li huwa ghamel lill-konvenuti gewwa l-Pixxina Restaurant f' M'Scala; illi l-konvenuti nterpellati sabiex ihallsu s-somma fuq indikata baqghu inadempjenti; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu

167 et sequitur tal-Kap.12 tal-ligijiet ta’ Malta billi l-konvenuti m’ ghandhomx eccezzjonijiet x’ jaghatu that-talba ghall-hlas tal-atturi; **talbu** ghalhekk li l-istess konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

**1.** Tiddeciedi skond it-talba bi-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap.12 tal-ligijiet ta’ Malta;

**2.** Tikkundanna lill-istess konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf tlett mija tlieta u tletin lira maltin (LM1,333) rapprezentati xoghol ta’ elettriku, plumbing, drenagg, tnaddif, tikhil u kisi u prezz ta’ materjal uzat mill-attur fuq ordni tal-konvenuti liema xogholijiet saur fil-Pixxina Restaurant f’ M’Scala.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Diecembru 1998, bl-imghax skond il-ligi minn notifika tac-citazzjoni u b’ hekk il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, il-lista tax-xhieda u l-affidavit tal-attur.

Rat id-digriet tas-17 ta’ Settembru 1999 fejn din il-Qorti, cahdet l-ewwel talba tal-atturi, u ordnat li l-kawza issir fil-kors normali taghha, u awtorizzat lill-konvenuti sabiex fi zmien ghoxrin gurnata jipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijet taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata fis-27 ta’ Settembru 1999, flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata taghhom u n-nota tax-xhieda, fejn eccepew:

1. Illi, fl-ewwel lok, ic-citazzjoni hija proceduralment irritwali billi ma gewx citati n-nisa tal-konvenuti kifr jitlob l-artikolu 1322(3)(g) tal-Kodici Civili;

2. Illi fit-tieni lok l-exceptio non rite adempleti, stante li l-attur Carmel Deguara ma kkompletax ix-xogholijiet lilu kommissjonati;

3. Fit-tielet lok l-intempestivita’ tal-azzjoni stante li x-xogholijiet li esegwixxa l-istess attur imsemmi ma sarux sewwa u skond is-sengha u l-arti;

4. Bla pregudizzju ghall-premess u f’ kull kaz l-ammont reklamat huwa esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat il-verbal mghamul fis-16 ta’ Frar 2000 fejn il-konvenuti rtiraw l-ewwel eccezzjoni, wara li l-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni fit-termini tal-artikolu 175 tal-kap.12

Rat id-digret mghoti fis-16 ta’ Frar 2000, fejn din il-Qorti nnominat lill-Perit Joseph Ellul Vincenti bhala perit tekniku biex jezamina, inter alia, x-xogholijiet meritu principali tal-kawza odjerna.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat –

***Kwadru tal-fatti***

Illi din il-kawza tikkoncerna xogholijiet mghamula mill-attur Carmel Deguara fuq inkarigu tal-konvenuti Joseph u Tarcisio Falzon, fil-Pixxina Restaurant M’ Scala. Inizjalment dan ix-xoghol kien jikkonsisti principalment f’ xoghol ta’ elettriku fl-imsemmi fond u limitat ghal kamra wahda, izda waqt l-esekuzzjoni ta’ dan l-appalt, l-konvenuti taw xoghol addizzjonali lill-attur, liema xoghol kien mifrux f’ partijiet ohra tal-fond u kien jikkonsisti f’ diversi xogholijiet, fosthom xoghol ta’ plumbing, drenagg u xogholijiet ohra kif indikat fir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Illi fuq dan il-kuntratt ta’ appalt la kien hemm ftheim fuq prezzijiet u lanqas fuq terminu taz-zmien li fih kellhom jitlestew ix-xogholijiet.

Illi jidher li matul l-esekuzzjoni ta’ dawn ix-xogholijiet kienet inqalet kwistjoni bejn il-partijiet stante li l-konvenuti ma kienux sodisfatti bit-travu tal-injam li kien twahhal mill-attur fuq inkarigu taghhom;  izda din il-pendenza giet sorvolata minnhom u fi kliem il-konvenut Joseph Falzon *“Wara dan l-argument l-attur gie biex ikompli (ix-xogholijet), kompla u xghelna u stidintu (ghall-ftuh) …” (fol.75)*

Illi l-attur baqa’ ma thallasx tax-xoghol mghamul minnu u ghalhekk gew promossi l-proceduri odjerni.

Illi l-espert tekniku fir-rapport mahluf minnu fis-6 ta’ Dicembru 2000, wara li semgha x-xhieda u ezamina x-xogholijiet li kienu saru mill-attur, kkonkluda hekk: *“ …. Illi t-talba tal-attur ghal hlas ta’ elf tlett mija tlieta u tletin lira malin (Lm1,333) hi gusta …..” (fol.46)*

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi fl-isfond tal-fatti premessi, din il-Qorti ser tezamina *seriatim* l-eccezzjonijiet tal-konvenuti:

Illi l-ewwel eccezzjoni giet rinunzjata mill-konvenuti, u ghalhekk mhux il-kaz li din tigi ezaminata ulterjorment minn din il-Qorti.

Illi t-tieni eccezzjoni li hi fis-sens li x-xogholijiet kommissjonati ma gewx kompluti, ma hix sostnuta bil-fatti, anzi l-fatti provati juru li xoghol kien tlesta u di fatti kien sar ukoll il-ftuh tar-restaurant.

Illi kemm it-tielet eccezzjoni - li hi fis-sens li x-xoghol mghamul mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti - kif ukoll ir-raba eccezzjoni - li hi fis-sens li l-ammont mitlub huwa esagerat - huma kontradetti mill-konkluzzjoni tal-espert tekniku li, wara li ezamina x-xogholijiet in kwistjoni u anke semgha x-xhieda, kkonkluda li l-ammont pretiz mill-attur ghax-xoghol maghmul minnu kien wiehed **gust u ghandu jithallas** lilu mill-konvenuti.

*Konkluzjoni*

Illi huwa principju bazilari li kull min jaghmel xi xoghol ghandu jithallas tieghu una volta li jigi hekk pprovat – *Omne labor optat premium*.

Illi fil-kaz odjern gie pprovat ampjament li l-konvenuti kienu inkarigaw lill-attur sabiex jghamel xogholijiet. Dawn ix-xogholijiet saru. Ma rrizultax provat li x-xogholijiet ma kienux saru skond is-sengha u l-arti, kif sostnew il-konvenuti, In fine rrizulta li l-ammont ta' Lm1,333 pretiz mill-attur ghal dawn ix-xogholijiet huwa wiehed gust. Ghaldaqstant it-talba attrici ghal hlas tal-imsemmi ammont hija gusta u timmerita li tigi milqugha bl-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddecidi, billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta elf tlett mija u tlieta u tletin lira maltin (Lm1,333)** rapprezentanti xoghol ta' elettriku, plumbing, drenagg, tnaddif, tikhil u kisi u prezz ta' materjal uzat mill-attur, fil-Pixxina Restaurant M' Scala, **bl-imghax legali** mill-1 ta'Lulju 1999.

**Bl-ispejjez** kollha jithallsu mill-konvenuti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------